MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 274/2004

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc,
surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Buttigieg Limited u l-istess Emanuel Buttigieg Limited u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok Elmo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Brian Joseph Conti**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u disghin lira Maltin

u erbgha w erbghin centezmu (Lm190.44c) rapprezentanti danni b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-13 ta' Gunju, 2003 waqt li Emanuel Buttigieg kien qed isuq il-vettura JAN 514 u l-konvenut kien qed isuq il-vettura CAR 153 f'Bugibba.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament tort tas-sewwieq tal-karozza JAN 514 u fit-tieni lok id-danni riklamati huma esagerati.

Sema' x-xhieda ta' PS 1174 Adrian Sciberras, Joseph Mula, Emanuel Buttigieg, Paul Barberi u Brian Joseph Conti.

Ra l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi Emanuel Buttigieg kien qed isuq il-karozza JAN 514 fi Triq it-Turisti, Bugibba fit-13 ta' Gunju, 2003 bil-lejl meta l-karozza CAR 153 misjuqa mill-konvenut harget minn *side-road* li jisimha Triq il-Maskli.

Emanuel Buttigieg xehed li kien ghaddej bil-mod u nduna bil-karozza l-ohra meta sehhet il-kollizjoni.

Il-konvenut xehed illi huwa kien qed isuq fi Triq il-Maskli bl-intenzjoni li jibqa' jsuq fid-dritt. Xehed li meta waqaf hdejn l-is*top sign* waqaf *dead stop* u mbaghad ra l-karozza ta' Emanuel Buttigieg qieghda tislowja u haseb li din ser iccedilu, huwa ghalhekk rega' saq u hemm intebah li fil-fatt din ma kienetx ser iccedilu, ghafas il-*brake* izda l-kollizjoni xorta sehhet.

It-Tribunal jidhirlu illi l-htija unika tal-kollizjoni in kwistjoni hija tal-konvenut. Mill-provi jirrizulta illi Emanuel Buttigieg kellu r-*right of way* u kien qed juza d-dritta tieghu b'mod prudenti. Huwa kien qed isuq ghall-affari tieghu, kellu d-dwal mixghulin u kien qed isuq normali.

Ghar-rigward tas-sewqan tal-konvenut, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-is*ketch* u minnu jirrizulta illi l-konvenut kien qed isuq *on the crown of the road* fi Triq il-Maskli u

sahansitra l-*brakemarks* jibdew sa mis-*stop sign* jigifieri m'huwiex possibbli illi fil-pozizzjoni ta' *stop sign* il-konvenut kien wieqaf. L-i*sketch* jimmilita kontra t-tezi tal-konvenut u fil-fatt dan l-i*sketch* jindika li kien hemm sitt metri *brakemarks* u certament dan ma jikkombacjax max-xhielda tal-konvenut li qal li waqaf *dead stop* u f'distanza tant qasira jibbrejkja u jhalli marki ta' sitt metri.

Anke l-verzjoni li l-istess Conti ta lill-pulizija *a tempo vergine* ma taqbilx mad-depozizzjoni li ta lit-Tribunal. Lill-Pulizija huwa qal "daqqejt il-horn u bqajt hiereg minn Triq il-Maskli".

Quddiem it-Tribunal il-konvenut xehed li l-pulizija lanqas biss staqsewh kif sehh l-incident izda t-Tribunal ma setghax ma jinnotax l-attitudni *laissez faire* tal-konvenut li sahansitra, wara l-incident lanqas biss indenja ruhu biex jigbor kopja tar-*Road Accident Report* u *sketch*, li jaghmel *claim* mal-insurance tieghu u sahansitra jghid li l-ewwel darba li ra l-i*sketch* tal-kollizjoni kien meta xehed quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tal-1 ta' Lulju, 2004 – aktar minn sena wara l-incident. Wiehed kien jistenna daqsxejn aktar attenzjoni u diligenza f'kaz simili u sahansitra, jekk wiehed ihoss li l-pulizija m'ghamlux rapport fidil ta' kif sehh l-incident, li almenu jittiehdu l-passi opportuni mill-parti li qed taghmel tali allegazzjoni. Ma jirrizultax li l-konvenut ghamel l-icken sforz biex jipprova jwaqqa' la dak li s-surgent kiteb bhala *driver's statement* u lanqas dwar l-i*sketch* in kwistjoni u konsegwentement it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li joqghod fuq l-i*sketch* u *Road Accident Report* bhala debitament pruvati. F'kull kaz, dawn jinsabu pjenament korroborati mix-xhieda ta' l-istess Emanuel Buttigieg.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, l-ammont mitlub ta' mija u disghin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm190.44c) mhux pjenament konfortat mix-xhieda ta' Joseph Mula u ta' Paul Barberi. Mill-*works order* a fol 16 tal-process jirrizulta illi l-*labour* ammonta ghal mija u hamsa w erbghin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm145.44c) li flimkien ma' wiehed u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm21.82c) bhala VAT igib total

ta’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm167.26c). Dan l-ammont gie anke korroborat minn VAT receipt a fol 14 tal-process. Ma’ dan l-ammont wiehed irid izid tmien liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm8.18c) bhala spiza ta’ hub cap (Dok. a fol 12 u 13 tal-process) biex b’hekk igib total ta’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm175.44c). Ma gewx prodotti provi ulterjuri dwar id-danni u ghalhekk it-talba attrici ser tigi akkolta fl-ammont ridott ta’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm175.44c) kif fuq inghad.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talba ta’ l-atturi u jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament b’tort u htija tal-konvenut u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm175.44c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------